**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TLIETA, 13 TA' SETTEMBRU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 26**

1.1 Kien hemm dawn il-korrezzjonijiet :.

1.2 Fil-paragrafu 4.2.1 għandha tidħol ''għal'' minflok ''fi''.

1.3 Fil-paragrafu 4.2.2 għandha tidħol ''u fuq'' wara l-kelma ''taħt''.

1.4 Fil-paragrafu 4.2.6 għandha tidħol ''u bla liċenzja'' wara l-kelma ''plates''.

1.5 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jġgu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Għandha tintalab għal-laqgħa ma' TM peress li ma kellniex risposta rigward Triq il-Ġojjin u Triq il-Fikus. Għandha tintbagħat reminder ukoll rigward il-Bus Marking ta' Triq Birkirkara u t-tabella No Entry ta' Triq San Pawl.

2.2 Għandha tintbagħat reminder lil LESA rigward l-ispeed cameras ta' Triq Birkirkara u Triq il-Ħida.

2.3 Għandha tintbagħat reminder lill-kuntrattur biex terġa' ssir il-locality map fi Triq Antonio Schembri.

2.4 Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis.

2.5 Għandha teħel tabella ''No Heavy Vehicles'' fi Triq Antonio Schembri.

2.6 Ġie innutat li l-mutur abbandunat għadu fi Triq il-Buqrajq.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Għandha ssir rakkomandazzjoni lil TM biex issir tabella (quddiem l-Astral) li tindika li minn Triq tas-Sliema m'hemmx aċċess għall-Gzira u l-Imsida.

3.2 Ġie innutat li għad hemm tabelli li jindikaw roundabout fil-parti t'isfel ta' Triq tas-Sliema. Għandha ssir rakkomandazzjoni lil TM biex dawn it-tabelli jitneħħew.

3.3 Għandha titneħħa tabella antka fi Triq Birkirkara peress li twaħħlet waħda ġdida.

**4 Affarjiet oħra**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward żewġ emails mill Enemalta rigward z-zebra crossing ta' Triq Birkirkara u Triq il-Qasab li ilhom mitfija għal diversi xhur. Ġiet innutata l-kontradizzjoni fuq dawn l-emails. Għandha tintbagħat għall-kjarifika lill-Enemalta.

4.2 Ġiet innutata korrispondenza mill-2007 rigward boundary walls madwar plots vojta. F'din il-korrispondenza jinfurmaw lill-Kunsill li boundary walls bħal dawn jinbnew mill-PA. Għandha tintbagħat kjarifika jekk din il-policy għadiex fis-seħħ.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-problemi li jkun hemm fi Triq Antonio Schembri meta jkun hemm l-iskola topera. Ġie deċiż li tintalab għal-laqgħa mal-iskola qabel ma' tibda s-sena skolastika.

4.4 Ġie innutat li qed isir diversi vandaliżmu minn studenti barranin.

4.5 Kien hemm qbil li ċ-charging point għandu jsir fi Triq il-Pitirros minħabba li hemm ma jkunx hemm ostaklu fuq il-bankina meta jsir l-appart taċ-charging.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Ottubru 2016 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**